**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-8 ta' Lulju 2010**

**dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għal kunsinni ta' prodotti tal-akkwakultura importati mill-Indja u maħsuba għall-konsum tal-bniedem**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4563)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/381/UE)

(ĠU L 174, 9.7.2010, p. 51)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/690/UE tas-6 ta' Novembru 2012 | L 308 | 21 | 8.11.2012 |
| ►M2 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1774 tal-4 ta' Ottubru 2016 | L 271 | 7 | 6.10.2016 |

▼B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-8 ta' Lulju 2010**

**dwar miżuri ta' emerġenza li japplikaw għal kunsinni ta' prodotti tal-akkwakultura importati mill-Indja u maħsuba għall-konsum tal-bniedem**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4563)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/381/UE)

*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-importazzjoni ta' kunsinni ta' prodotti tas-sajd tal-akkwakultura mill-Indja maħsuba għall-konsum mill-bniedem ("kunsinni").

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni lejn l-Unjoni tal-kunsinni sakemm dawn ikollhom magħhom ir-riżultati ta' test analitiku tal-oriġini biex ikun żgurat li dawn mhumiex ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.

It-test analitiku għandu jkun sar fuq kampjun uffiċjali, b'mod partikulari bil-ħsieb li tinqabad il-preżenza tal-chloramphenicol, it-tetracycline, l-oxytetracycline u l-chlortetracycline u tal-metaboliti tan-nitrofurans.

Dawn il-kampjuni jridu jkunu ġew analizzati bl-użu ta' metodi analitiċi f'konformità mal-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni 2002/657/KE.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-kunsinni li ma jkollhomx magħhom ir-riżultati tat-test analitiku sakemm l-Istat Membru li jkun qed jimporta jassigura li kull kunsinna, appena tasal, tgħaddi minn testijiet analitiċi bħal dawn biex jinqabdu l-chloramphenicol, it-tetracycline, l-oxytetracycline, il-chlortetracycline u l-metaboliti tan-nitrofurans.

*Artikolu 3*

▼M2

1. Bl-użu ta' pjanijiet xierqa għat-teħid tal-kampjuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-kampjuni uffiċjali minn tal-inqas 50 % tal-kunsinni ppreżentati għall-importazzjoni fil-postijiet tal-ispezzjoni fil-fruntieri tat-territorju tagħhom. Jekk kunsinna jkun fiha prodotti tal-akkwakultura li jkunu ġejjin minn aktar minn stabbiliment wieħed ta' oriġini, għandhom jittieħdu l-kampjuni għal kull wieħed mill-istabbilimenti.

▼B

2. Il-kampjuni uffiċjali mittieħda skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu suġġetti għal testijiet analitiċi għas-sejba ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi kif imfisser fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, u b'mod partikolari l-chloramphenicol, it-tetracycline. l-oxytetracycline, l-chlortetracycline, u l-metaboliti tan-nitrofurans.

▼B

*Artikolu 4*

Il-kunsinni li minnhom ikunu ttieħdu l-kampjuni uffiċjali skont l-Artikolu 2(2) u 3(1) għandhom jinżammu taħt detenzjoni uffiċjali millawtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat sakemm jitlestew it-testijiet analitiċi.

Dawk il-kunsinni jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ir-riżultati tat-testijiet analitiċi jikkonfermaw il-konformità tal-kunsinni mar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bir-riżultati tat-testijiet analitiċi jekk dawk it-testijiet jiżvelaw il-preżenza ta' kwalunkwe sustanza farmaloġikament attiva:

(a) ikklassifikata skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 f'livell li jisboq il-limitu massimu ta' residwu stabbilit skont dak ir-Regolament; jew

(b) mhux ikklassifikata skont l-Artikolu 14(2)(a), (b) jew (c) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009; iżda l-Istat Membru kkonċernat mhuwiex mitlub li jinforma immedjatament lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' testijiet bħal dawn fejn il-livell ta' residwi jkun inqas:

(i) mill-punt ta' referenza għall-azzjoni stabbilita għal dik is-sustanza permezz tar-Regolament (KE) Nru 470/2009; jew

(ii) mil-limitu minimu ta' rendiment mitluba li kien stabbilit għal dik is-sustanza permezz tad-Deċiżjoni 2002/657/KE.

Ir-riżultati ta' dawk it-testijiet analitiċi għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tas-sistema ta' twissija rapida mwaqqfa permezz tal-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

▼M2

_____

▼B

*Artikolu 6*

In-nefqa kollha li tkun saret biex tiġi applikata din id-Deċiżjoni għandha tiġi mħallsa mill-kunsinnatur, mid-destinatarju jew mill-aġent ta' wieħed minnhom.

*Artikolu 7*

Id-Deċiżjoni 2009/727/KE hija revokata.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.